

iċċitata iktar 'il fuq, fil-fatt kellhom rwol determinanti fil-proċedura amministrattiva u, li kieku l-Kummissjoni kkonformat ruħha mar-rekwiżiti proċedurali ta' l-Artikolu 20(5) tar-Regolament bażiku, l-appellanti kienet tkun tista' ssostni b'mod utli l-interpretazzjoni tagħha stess ta' l-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament bażiku.

- (¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 452/2007, tat-23 ta' April 2007, li jimponi dazju definittiv anti-dumping u jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tat-twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-Ukrajna (ĠU L 109, p. 12).
- (²) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 1996, L 56, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mit-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña (Spanja) fl-14 ta' April 2008 — N.N. Renta, S.A. vs Generalidad de Cataluña

(Kawża C-151/08)

(2008/C 158/17)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Qorti tar-rinvju

Tribunal Superior de Justicia de Cataluña, Spanja.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: N.N. Renta, S.A.

Konvenuta: Generalidad de Cataluña.

Domandi preliminari

Hija kompatibbli ma' l-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE (¹) tas-17 ta' Mejju 1977, iż-żamma ta' l-ammont varjabbli jew proporzjonali tat-taxxa fuq tranżazzjonijiet legali dokumentati meta din ta' l-aħħar hija dovuta fuq il-konklużjoni ta' xiri minn impriża li l-attività tagħha tikkonsisti fix-xiri u l-bejgħ ta' proprjetà immobbli jew fix-xiri ta' proprjetà immobbli għall-iżvilupp jew għall-kiri, meta l-avveniment jew it-tranżazzjoni taxxabbli, il-bażi ta' stima u l-persuna taxxabbli fir-rigward tat-taxxa fuq tranżazzjonijiet legali dokumentati jkun l-istess bħal dawk fir-rigward tat-taxxa fuq il-valur miżjud, li hija dovuta fl-istess ħin fir-rigward ta' l-istess xiri?

(¹) Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uni-formi ta' stima (ĠU L 145, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Hoge Raad der Nederlanden fis-16 ta' April 2008 — X vs Staatssecretaris van Financiën

(Kawża C-155/08)

(2008/C 158/18)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Qorti tar-rinvju

Hoge Raad der Nederlanden.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: X.

Konvenut: Staatssecretaris van Financiën.

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 49 u 56 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li Stat Membru milli, fil-każijiet fejn bilanċ ta' kontijiet ta' tiffidil barranin, jew id-dħul minnhom, ma jiġix iddikjarat lill-awtoritajiet tat-taxxa ta' dak l-Istat Membru, japplika leġiżlazzjoni nazzjonali li, sabiex tagħmel tajjeb għannuqqas ta' miżuri effikaċji ta' kontroll fuq bilanċ ta' kontijiet ta' tiffidil barranin, tipprovdi perijodu ta' rkupru ta' tnax-il sena, filwaqt li l-kontijiet ta' tiffidil, jew dħul minnhom, f'dak l-Istat Membru, fejn jeżistu tali miżuri effikaċji ta' kontroll, huma suġġetti għal perijodu ta' rkupru ta' ħames snin?
- 2) Il-fatt li l-bilanċi in kwistjoni jkun jinsabu fi Stat Membru li jkun stabbilixxa s-sigriet bankarju jaffettwa r-risposta għall-ewwel domanda?
- 3) Fil-każ ta' riposta pożittiva għall-ewwel domanda, l-Artikoli 49 u 56 KE għandhom jiġu kkunsidrati bħala li lanqas ma jipprekludu li multa imposta minħabba n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' dħul jew kapital fir-rigward ta' liema għet a posteriori irkuprata t-taxxa, għandha tiġi kkalkulata b'mod proporzjonali ma' l-ammont irkuprat matul dan il-perijodu itwal?